**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Lulju, 2025

Rikors Ġuramentat: 141/23 AL

**A B**
K.I. 57568(A)

**vs.**

**Dr. Victor Bugeja u l-P.L. Katrina Zammit Cuomo appuntati bħala kuraturi deputati b'digriet tat-22 ta' Frar 2024 sabiex jirrappreżentaw lill-assenti P M Y Z**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors maħluf[1] ippreżentat mill-attur fit-13 ta' Ġunju 2023 li permezz tiegħu ppremetta illi:

[1] Fol. 1.

*1. Ir-rikorrent ġie awtorizzat jipproċedi b'din is-separazzjoni personali wara digriet tal-Qorti data 5 ta' Ġunju 2023, li kopja tiegħu hu mmarkata u anness bħala Dok 'A'.*

*2. It-tifel X Y Z B, iben il-partijiet, twieled Malta fit-23 ta' Mejju 2011 Illum għandu 12-il sena. Kopja taċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifel huwa mmarkata u anness bħala Dok 'B'.*

*3. F'dak iż-żmien l-omm bdiet turi mard mentali sever li minħabba fih ma tistax tieħu ħsieb it-tifel. Ftit żmien wara t-twelid l-omm abbandunat id-dar fejn kienet tgħix il- familja u marret toqgħod x'imkien ieħor f'Malta. Meta għamlet hekk hija ħadet lit-tifel magħha. Sussegwentament infetħu proċeduri ta' medjazzjoni (Ittra Nru 1066/12) u matul dawk il-proċeduri ta' medjazzjoni l-Qorti aġixxiet fuq rakkomandazzjoni ta' rapport tal-ħaddiema soċjali u ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri jkunu fdati esklussivament f'idejn l-applikant missier pendente lite. Kopja tar-rapport tal-ħaddiem soċjali flimkien mar-rikors relattiv tal-qorti u d-digriet huma b'dan immarkati u mehmuża bħala dok 'C' u 'D'.*

*4. Sabiex tevita l-effett ta' dan id-digriet tal-qorti l-omm hatfet lit-tifel minn Malta. Il-kwistjoni ġiet irrappurtata lill-Awtorità Ċentrali ta' Malta. Ftit wara t-tifel kien jinsab fil-Polonja u bdew il-proċeduri tar-ritorn taħt l-Konvenzjoni tal-Ajja tal-1980. Il-Qorti Pollakka ordnat ir-ritorn tat-tifel f'Malta u t-tifel reġa' ngħaqad ma' missieru, filwaqt li l-omm baqgħet barra minn Malta.*

*5. Fl-aħħar tal-2014 1-omm ġiet lura Malta u ppruvat taħtaf it-tifel bil-forza mid-dar tal-missier. Waqt dan l-inċident hija kienet assistita minn terzi persuni u kienet ukoll armata b'apparat li jagħti xokk elettriku. Wara dan l-inċident ġew ippreżentati rapporti tal-pulizija u l-omm għebet. Huwa magħruf li qed tevita li tivvjaġġa lejn Malta sabiex tevita l-effetti ta' Mandati ta' Arrest Ewropej maħruġa minn Malta u l-Ġermanja għal reati differenti.*

*6. Sal-lum it-tifel ma kellu ebda kuntatt sinifikanti ma' din l-omm peress li ftit wara t-twelid u t-tifel għadu trawmatizzat wara l-avvenimenti tal-ħtif. L-aħħar darba li ra lill-imputat kien meta ppruvat taħtfu bil-forza mid-dar tal-missier, liema ġrajja trawmatizzat lit-tifel.*

*7. L-aħħar darba li l-omm kienet Malta kienet għall-ħabta tal-2014 meta hija ppruvat terġa' taħtaf lit-tifel mir-residenza tal-missier u m'għadhiex preżenti Malta, għalhekk kontesswalment ma' dan ir-rikors qed jitalaba li din l-Onorabbli Qorti taħtar deputati kuraturi.*

*Għaldaqstant u għal dawn ir-raġunijiet, l-attur umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Jiddikjara li l-post ta' residenza tal-minuri huwa f'Malta;*

*2. Jordna li l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri X Z B tiġi fdata esklussivament lir-rikorrent;*

*3. Tawtorizza lir-rikorrent jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar is-saħħa, l-edukazzjoni, l-ivvjaġġar u l-ħruġ ta' passaporti ta' minuri X Z B, mingħajr il-kunsens tal-konvenut;*

*4. Jordna li l-minuri X Z B jibqa' jirrispjedi mar-rikorrent;*

*5. Jiddikjara li l-omm mhix kapaċi tieħu ħsieb it-tifel u tordna li l-omm ma jkollhiex kuntatt mat-tifel sakemm il-Qorti kompetenti ma tordnax mod ieħor wara li teżamina ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ meta issir tali talba.*

*6. Kull ordni oħra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostani tal-każ.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat il-verżjoni tal-rikors ġuramentat bl-Ingliż;[2]

Rat l-att tat-twelid tal-minuri X Y[3] li jġib in-numru progressiv 2016 tas-sena 2011;

Rat kopja tad-digriet tal-5 ta' Ġunju 2023,[4] fejn il-medjazzjoni ġiet dikjarata magħluqa u l-Qorti awtorizzat lill-attur sabiex jipproċedi b'rikors ġuramentat skond l-Artikolu 930 tal-Kap 12;

Rat illi b'digriet tat-22 ta' Frar 2024[5] il-Qorti ħatret lill-Avukat Dr Victor Bugeja u l-Prokuratur Katrina Zammit Cuomo bħala kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-konvenuta assenti u r-risposta ġuramentata tal-istess Kuraturi,[6] fejn ġie eċċepit is-segwenti:

1. *Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti tal-kawża u għalhekk jirriżervaw li jeċċepixxu ulterjorment kemm-il darba jkun il-każ*

2. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-Kuraturi Deputati;

Rat il-verbal tas-7 ta' Mejju 2024[7] f'liem seduta il-Qorti appuntat lill-Dr Marita Pace Dimech bħala assistent ġudizzjarju bis-soliti fakoltajiet;

Rat illi l-Kuraturi Deputati ma ppreżentawx provi;

Rat il-verbali kollha u x-xhieda imressqa mill-attur permezz ta' affidavits u *viva voce* quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

---

[2] Fol. 5.
[3] Fol. 10.
[4] Fol. 10.
[5] Fol. 29.
[6] Fol. 83.
[7] Fol. 85.

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-partijiet ma ppreżentawx noti ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[8]

## KONSIDERAZZJONIJIET

### 1. L-azzjoni odjerna

L-attur permezz ta' din il-kawża qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex takkordalu l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri X Y Z B, imwieled minn relazzjoni li l-attur kellu mal-konvenuta assenti, fit-23 ta' Mejju 2011. Huwa jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-post ta' residenza tal-minuri huwa Malta u sabiex tawtorizzah jieħu kull deċiżjoni dwar is-saħħa, l-edukazzjoni, l-ivjaġġar u l-ħruġ ta' passaporti tal-minuri mingħajr il-kunsens tal-konvenuta u li l-minuri jibqa' jirrisjedi miegħu. Jitlob ukoll li l-Qorti tiddikjara li l-omm ma hix kapaċi tieħu ħsieb lit-tifel u tordna li l-omm ma jkollhiex kuntatt mat-tifel.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta, qiegħda tiġi rappreżentata minn Kuraturi Deputati, li min-naħa tagħhom ma ressqu l-ebda prova u għalhekk il-Qorti tinsab sprovvista mill-verżjoni tal-konvenuta.

### 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mressqa:

*Il-Verżjoni tal-Attur u l-Provi Mressqa Minnu:*

L-attur jippreżenta x-xhieda tiegħu permezz ta' affidavit intavolat fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2024[9] fejn jgħid li l-partijiet iltaqgħu l-Ġermanja u ġew Malta fl-2010. Il-minuri X Y Z B twieled fit-23 ta' Mejju 2011. L-attur jgħid li l-konvenuta, mit-tqala, bdiet turi sinjali ta' problemi psikoloġiċi. Fl-2012 jgħid li

---

[8] Verbal tat-28 ta' Jannar 2025 a fol. 296.

[9] Fol. 88.

telqet mid-dar li kienu jgħixu fiha ġewwa Ħ'Attard mingħajr ma nfurmatu u ħadet lit-tifel magħha. Jgħid li huwa kien inkwetat ħafna għaliex kien jaf, u kienu jgħidulu n-nies, li ma kinitx kapaċi tieħu ħsieb lit-tifel u li ma tagħtihx x'jiekol, jinsab marid u traskurat magħha.

Jippreżenta żewġ affidavits ta' persuni li kienu jafu lill-konvenuta senjatament T N u S Livori. Ms N tiddiskrievi s-sinjali ta' negliġenza li kellu t-tifel u kif hi pruvat tgħin lill-konvenuta. Tiddiskrievi kif il-konvenuta kienet iżżomm lit-tifel fi stat ħażin ta' iġene u lanqas titimgħu sew. Tgħid kif ġurnata minnhom marret id-dar tal-partijiet u ma sabitiex hemm. Tgħid li ftit ġranet wara l-konvenuta marret għandha bil-minuri u dan deher bil-ġuħ u kif tatu xi ikel hi (ix-xhud) kiel u raqad.

S Livori tgħid li hi kienet tnaddaf il-post tal-partijiet fil-Mosta u tieħu ħsieb lit-tifel. Tgħid li l-konvenuta kienet titma lit-tifel ħalib minn tagħha biss iżda meta l-ħalib ma kienx baqa' jiġiha baqgħet tagħmel dan għaliex jew ma ndunatx li t-tifel ma kienx qed jixrob jew ma riditx tammetti. Tgħid li l-konvenuta ma kinitx kapaċi żżomm id-dar u meta hi ma kinitx tmur tgħinha mqar ġurnata waħda, l-għada ssib diżastru. Il-konvenuta lanqas kienet iżżomm lilha nnifisha nadifa. Tgħid li lilha kienet tgħidilha li trid titlaq il-Ġermanja bit-tifel. Tgħid li kienet ukoll issiefer pajjiżi differenti, dejjem bit-tifel magħha. Tispjega kemm il-konvenuta qaltilha gideb anke fuq l-attur u kif bdiet tinduna b'kollox meta kienet *auction* mal-konvenuta u kien hemm l-attur u ma għamel l-ebda azzjoni ħażina, meta l-konvenuta kienet dejjem tgħidilha li kien vjolenti.

L-attur ikompli jixhed li f'dan il-punt, fuq parir tal-ħaddiema soċjali T N, li rrediġiet rapport għall-Qorti, l-Qorti ddegredat illi hu għandu jkollu f'idejh il-kura u kustodja tat-tifel. Ftit wara dan, il-konvenuta serqet lit-tifel u l-attur ma kienx jaf fejn marret bih.

Jgħid li bl-għajnuna tal-*Malta Central Authority* sar jaf li l-konvenuta kienet marret il-Ġermanja u wara li din saret taf li hu nduna fejn qiegħda, marret il-Polonja bl-intenzjoni li tmur l-Ukrajina u minn hemm tmur it-Tajlandja. Kieku rnexxielha tmur it-Tajlandja kien ikun impossibbli li jġib it-tifel. Jispeċifika li hu qatt ma ffirma għall-passaport u VISA tat-tifel. Madanakollu huma kienu mwaqqfin mill-awtoritajiet Pollakki fil-*boarder* ma' l-Ukrajina bis-saħħa tas-sistema tal-*Interpol*. Jispejga li nbdew proċeduri fil-Polonja fejn ġie konkluż rapport li jgħid li kkonferma li l-istat mentali tal-omm ma kienx wieħed tajjeb. F'April 2014, il-minuri ġie ritornat Malta fil-kura tal-attur.

Madanakollu, ftit wara, l-omm reġgħet pruvat tisraq lit-tifel fil-lejl tas-17 ta' April 2014 meta żewġ individwi lebsin maskli suwed attakkaw il-familja tiegħu ġewwa l-Ġermanja u jgħid li probbabilment ħasbet li hu kien hemm mat-tifel għaliex waqaf ftit hemm wara li ngħata t-tifel ġewwa l-Polonja. Jgħid li anke Malta, f'Mejju 2014, il-*partner* tiegħu ndunat li l-konvenuta kienet qed issegwi l-passi tagħha. Ftit wara l-konvenuta marret mal-Media Ġermaniża għandu u daħlet f'daru mingħajr il-permess tiegħu. Hemm ġiet arrestata mill-Ispettur Jonathan Ransley għal-*harassement*. F'Novembru 2014, il-konvenuta reġgħet pruvat taħtaf lit-tifel bl-għajnuna ta' P K, li kienet imfittxija mill-Pulizija Ġermaniża. Jiddeskrivi kif attakkaw lill-*partner* tiegħu li kienet bit-tifel, filwaqt li kienu armati u jippreżenta ritratti tal-ġrieħi li ġarrbet il-*partner* tiegħu wara dan l-attakk. It-tifel deher trawmatizzat wara dan l-inċident. Jippreżenta wkoll affidavits ta' persuni li raw l-inċident iseħħ propju Noel Fenech, Vincenza Fenech, Andrew Fenech, Mario Dimech u Mary Dimech li kollha jikkorraboraw il-verżjoni tal-attur. Inbdew imbagħad proċeduri kriminali kontra l-konvenuta hawn Malta iżda dakinhar kienet l-aħħar darba li l-attur ra lill-konvenuta.

Jgħid li wara dan l-inċident f'Novembru 2014, il-konvenuta qatt ma reġgħet rat lit-tifel jew pruvat tikkuntatjah.

Jippreżenta kopja ta' intervisti u dikjarazzjonijiet li tat il-konvenuta taħt l-isem E Y bħala membru attiv tan-network "*Trauma based mind control and ritual abuse.*"

Jippreżenta rapporti ta' professjonisti kemm lokali u kemm Ġermaniżi dwar l-istat psikoġiku tal-konvenuta kif ukoll dwar x'kienet tagħmel lit-tifel bħal per eżempju għallmitu lingwa fantastika li jinftehmu biss hu u hu bejniethom u mmanipulatu b'mod li żżommu taħt il-kontroll tagħha. Ma kinitx ittih ikel biex jikber b'saħħtu u anke kienet tmur kontra l-pariri tat-tobba.

Jgħid li meta kienu jgħixu flimkien kien jaffordja jieħu ħsieb id-dar hu u jipprepara l-ikel hu u għalhekk is-sitwazzjoni ma kinitx waħda ħażina. Jixhed illi llum it-tifel għadu jbati psikoloġikament u fiżikament mit-trawmi li għadda minnhom u mill-maltrattament u n-negliġenża ta' ommu. Minħabba li ommu iżolatu għal madwar sena u nofs, wara li ħatfitu, dan irriżulta *f'delay* severa fl-iżvilupp holisitku tiegħu. Jippreżenta kopja ta' rapporti ta' professjonist dwar l-iżvilupp tat-tifel.

Minbarra d-dokumenti u l-affidavits imsemmija, annessi mal-affidavit tal-attur li bihom jikkorabora l-evidenza tiegħu, l-attur jippreżenta wkoll *Affidavit ta' W B waqt is-seduta tal-14 ta' Ottubru 2024*[10].

Hija tgħid li ltaqgħet mal-attur fl-2014 meta t-tifel kellu qrib it-tliet (3) snin, ġewwa l-Ġermanja, meta l-attur kien mar il-Polonja jġib lit-tifel wara li l-omm kienet ħatfitu. Tgħid li l-attur u t-tifel kellhom jinħbew f'appartament ta' ħabib għax wara li l-Qorti tal-Polonja fdat il-minuri f'idejn l-attur, il-konvenuta ma aċċettatx din id-deċiżjoni. Hija lanqas tatu miegħu l-affarijiet personali tat-tifel. Ta' din l-età t-tifel lanqas kien jaf jesprimi ruħu u lanqas kien jaf ismu stess. Meta kont tgħajjatlu ma kienx jagħmel reazzjoni. Kien ukoll *underweight* sew, *malnourished*, pallidu, kien jidher marid u

[10] Fol. 232.

rqiq ħafna.  Ma kellux saħħa f'saqajh biex jimxi sew u kien ibati minn *asthma* severa li ħarġet wara li ommu ħatfitu mingħand missieru.  Tixhed ukoll dwar dettallji li qaltilha T N, il-ħabiba tal-konvenuta.

Tgħid li meta ġabu lit-tifel Malta kien ikun marid spiss u kien hemm ħafna drabi meta kien daħal l-isptar, iżda bil-pariri ta' ħafna tobba rnexxielhom jikkontrollawlu l-problemi li kellu.  Tgħid li sal-lum għadhom jiħduh għall-osservazzjoni u għadu anke jieħu l-mediċina.  Tirrakkonta kif fl-1 ta' Mejju 2014, irrealizzat li l-konvenuta kienet qed tistaħba fil-ġnien tal-ġirien, issegwi l-passi tagħha.  Tgħid li kif indunat li ratha marret tiġri lejha imma hi laħqet għalqet il-bieb u kkuntatjat lill-Pulizija.  Xi ġranet wara tgħid li l-konvenuta reġgħet marret quddiem id-dar tagħhom mingħajr permess u arrestawha għall-*harassment*.

Tispjega mbagħad l-inċident li ġara dakinhar tal-15 ta' Novembru 2014.  Tgħid li kienet quddiem id-dar tagħha u kif kienet ser toħroġ lit-tifel mill-karozza, karozza waqfet warajhom u minnha ħarġu żewġ nisa.  Tgħid li ndunat li waħda minnhom kienet il-konvenuta.  Qabdet lit-tifel u marret tiġri lejn id-dar iżda kif kienet qed tiġri waqgħet b'xokk elettriku u daħħlet lit-tifel taħtha biex tipproteġih.  Kif kienet mal-art fuq it-tifel, iż-żewġ nisa tawha bis-sieq u l-konvenuta baqgħet tisparalha bis-*stun gun,* anke minn taħt fejn kien hemm it-tifel.  Il-ġirien semgħuha tgħajjat u ħarġu.

It-tifel baqa' fi stat ta' xokk u kien trawmatizzat u ħa ġimgħat sħaħ biex ġie lura għan-normal.  Kull żvilupp li għamel wara li ġie lura mill-Polonja tilfu.  Tgħid li hi wkoll sal-lum għadha tbati psikoloġikament minn dan l-attakk u għandha anke danni fiżiċi permantenti minħabba l-użu tal-*istun gun* fuqha.  Tgħid li wara das-snin kollha l-ħajja tagħhom xorta għada mhix waħda normali u wara li raw li l-konvenuta kienet anke kapaċi tidħol fid-dar tal-parentela tal-attur, kellhom jagħmlu diversi bidliet fid-dar tagħhom biex tkun iktar sikura.  Tgħid li

huma jsibu wkoll diffikultà għaliex jibżgħu meta t-tifel joħroġ, minħabba s-sigurtà tiegħu, iżda fl-istess ħin ikun diffiċli li jżommu lit-tifel, meta jkun jixtieq jiltaqa' mal-ħbieb tiegħu.

L-attur jikkorrabora l-verżjoni tiegħu billi wkoll iħarrek biex jixhdu, rappreżentanti ta' l-Awtorità dwar l-Istandards Soċjali li minn naħa tagħhom, jippreżentaw sensiela ta' dokumenti relatati mal-każ ta' meta l-konvenuta omm ħarbet minn Malta bit-tifel, liem każ ir-rappreżentant tal-Awtorità jiddikjara li ngħalaq meta l-minuri ġie ritornat Malta.[11] Dr John Axiaq, rappreżentant mill-istess Awtorita jikkonferma il-verżjoni tal-attur dwar il-ħtif tat-tifel minn ommu l-konvenuta. Jgħid ukoll illi apparti li ħarbet bit-tifel, meta nterċettawha, hija mhux talli ma kkoperatx mal-awtoritajiet, talli pruvat taħrab.

*Verżjoni tal-Konvenut Assenti u l-Provi Mressqa Minnu:*

Wara li l-Kuraturi Deputati ġew debitament notifikati bl-atti tal-kawża odjerna, ippreżentaw risposta ġuramentata iżda ma jippreżentaw l-ebda prova u l-Qorti ma għandiex għalhekk quddiema l-verżjoni tal-konvenuta. Il-verżjoni tal-attur, u d-dokumenti preżentati ma huma kontradetti bl-ebda mod.

## 3. Principji legali saljenti għall-każ odjern

Qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra l-ewwel issemmi l-prinċipji legali relevanti għal dan il-każ.

Artikolu 3B tal-Kap 16 jgħid kif ġej:

*(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li **jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw** lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

[11] Seduta tal-25 ta' Lulju 2024 a fol. 226 u seduta tal-4 ta' Novembru 2024 a fol. 244.

Filwaqt li Artikolu 7 japplika dak li jgħid Artikolu 3B għall-ġenituri kollha, anke jekk mhux miżżewwġin bħal ma hu l-każ odjern:

> *"**Il-ġenituri għandhom l-obbligu** li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."*

Jirriżulta għalhekk mill-Liġi nostrana, kif imbagħad impoġġija fil-prattika mill-Qrati tagħna, illi ż-żewġ ġenituri, miżżewwġin jew m'humiex, għandhom l-obbligu li jindukraw lil uliedhom u jipprovdulhom kull wieħed skont il-bżonnijiet tagħhom. F'każ illi l-partijiet ma jibqgħux flimkien, għandu jipprevali fuq kollox il-prinċipju ewlieni ta' l-aqwa interess tal-minuri meta l-Qorti tiġi biex tiddeċiedi għand min għandha tafda l-kura tal-ulied.

Fil-fatt Artikolu 3(1) Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal, 1989 jgħid illi:

"*In all actions concerning children, whether undertaken by public or private social welfare institutions, courts of law, administrative authorities or legislative bodies, the best interests of the child shall be a primary consideration."*

Anke l-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tafferma dan u wieħed jara fil-każ per eżempju ta' **Sahin vs Germany [GC],**[12] illi l-aħjar interessi tat-tfal jistgħu, skont iċ-ċirkostanzi tal-kaz, jirbħu fuq dawk tal-ġenituri.

Meta l-Qrati tagħna jiġu biex japplikaw dawn l-Artikoli f'kawżi ta' kura u kustodja wkoll jżommu f'moħħhom bħala ħsieb li fuqhom jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom l-aħjar interess tal-minuri.

Fil-kawża **Jennifer Portelli pro et noe. vs. John Portelli** intqal: "*Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-miżżewgin], sew*

[12] No. 30943/96, § 66, ECHR 2003-VIII.

*fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu"*[13]

Illi fil-kawża fl-ismijiet **S Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**, il-Qorti qalet illi: "*La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli*."[14]

B'referenza għas-sentenzi fl-ismijiet **Dr V. Randon vs J. Randon** u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** ġie ritenut li "*r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal".*[15]

Għalhekk il-Qorti tista', jekk tqis li huwa fl-aħjar interessi tat-tfal, illi tafda l-kura u kustodja tal-minuri in kwistjoni f'idejn wieħed biss mill-ġenituri.

Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joanne Jensen vs Daniel Soto Gurpide**[16]**,** *"The Court considers a number of factors when deciding which parent should be entrusted with the custody of children; however the Court deems it necessary to emphasize that minors of all ages need stability and cases of care and custody many a time rock children's stability to the core. The Court gives importance to the fact that if the parents are deemed fit, the presence of both parents is vital in their children's lives, together with a sense of stability and calm."*

[13] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003 (Ċit. Nru: 2668/1996/2RCP).
[14] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Diċembru 1858.
[15] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili 1972.
[16] Deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Ġunju 2024 (Rik. Ġur. Nru. 289/2021 AL).

Fir-rigward ta' setgħa tal-ġenitur, il-Qorti tibda billi tiċċita l-Artikolu 90 tal-Kap 16, li jitkellem dwar is-setgħa tal-ġenituri fuq tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieġ:

*(1) Il-ġenitur li jkun għaraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ għandu dwaru d-drittijiet kollha tas-setgħa tal-ġenituri minbarra l-użufrutt legali.*

*(2) Jekk l-interessi tat-tifel hekk jeħtieġu, il-qorti tista' tordna li wieħed jew waħda biss mill-ġenituri jeżerċita jew teżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-ġenitur.*

*(3) Il-qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u, f'każijiet serji, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat.*

*(4) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.*

Dan l-Artikolu tal-liġi huwa wkoll indikattiv li l-Qorti, f'każijiet fejn hemm involuti t-tfal, għandha tara li l-ġid tagħhom jitħares, li l-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevali fuq l-interess tal-kontendenti fil-kawża. Il-Qorti għandha tiddeċiedi fl-ewwel lok dwar il-kustodja tal-minuri, u *ċioé* ma' min il-minuri ser jirrisjedu u fit-tieni lok dwar jekk għandiex iċċaħħad lil xi ħadd mill-ġenituri mill-awtorità ossija kif se tiddisponi mis-setgħa ta' ġenitur. Il-Kap 16 jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt Titolu IV intitolat 'Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri'. Il-provvedimenti saljenti huma l-Artikolu 131 u l-Artikolu 154(1):

*131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149 (5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.*

*154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista’ tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inkluživament tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għal Artikolu 149 tal-Kap 16, fejn huwa stipulat illi:

*“B’dak kollu li jinsab f’kull dispożizzjoni oħra ta’ dan il-Kodiċi, il-qorti tista’, jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta’ persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel.”*

Fil-fatt tgħid il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa *pro et noe* vs Georgina *sive* Georgia Seguna**[17]: *“Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m’hiex imxekkla b’regoli stretti ta’ proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta’ minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta’ proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara A sive BC vs D sive EC deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta’ Ġunju 2015). (Ara wkoll Joseph B vs Lesya B deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)”.*

[17] Deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-25 ta’ Jannar 2019 (Rik. Ġur, Nru.

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji legali għall-każ odjern

Il-Qorti għandha quddiemha każ ta' żewġ ġenituri li kellhom tarbija li twieldet barra miż-żwieġ, fit-23 ta' Mejju 2011. Għalkemm iż-żewġ partijiet huma t-tnejn barranin, it-tarbija twieldet Malta kif inhu rifless fiċ-ċertifikat tat-twelid anness mar-rikors ġuramentat tal-attur. Il-partijiet fil-fatt kienu jgħixu hawn Malta meta l-omm, fl-2012, telqet mid-dar li fiha kienu jgħixu ġewwa Ħ'Attard, bit-tifel. L-attur fil-fatt kellu jiftaħ proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja[18] u wara rapport preparat mill-ħaddiema soċjali T N, din il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur għall-kura u kustodja esklussiva tat-tifel.[19]

L-attriċi reġgħet ħatfet lit-tifel, u din id-darba siefret bih. L-attur irrikorra għand l-Awtorità Maltija għall-Istandards Soċjali sabiex jgħinuh iġib lura lit-tifel Malta, li kienet ittieħed mill-omm mingħajr il-kunsens tal-missier. Għalkemm kien mifhum li l-omm kienet ħarbet bit-tifel ġewwa l-Ġermanja u fil-fatt infetħu proċeduri ta' ħtif fil-Ġermanja, iktar tard l-omm instabet tipprova taħrab għall-Ukrajina. Hija twaqqfet mill-Awtoritajiet Pollakki wara li kienet indikata bħala *wanted* mas-sistema *Siren* tal-Interpol. L-awtoritajiet Pollakki żammew lill-omm u lit-tifel ġewwa *home* fil-Polonja u hemm ġie preparat rapport ordnat mill-*Family Diagnostic and Consultation Center in Chelm.* F'April 2014 jingħad li t-tifel ġie ritornat Malta. L-attur jixhed dwar avvenimenti oħra li seħħew imbagħad ġewwa Malta meta l-konvenuta kompliet tipprova taħtaf lit-tifel, sakemm imbagħad minn Novembru 2014, l-attur jgħid li ma reġgħux raw lill-konvenuta, qatt ma reġgħet kellmet lit-tifel u qatt ma reġgħet għamlet attentat biex tikkomunika mal-attur.

Sfurtunatament il-Qorti għandha biss il-verżjoni tal-attur għaliex il-konvenuta ma pparteċipat bl-ebda mod f'dawn il-proċeduri, kif ma pparteċipatx fil-proċeduri ta' medjazzjoni li

[18] Medjazzjoni Nru. 1066/12.
[19] Digriet tas-27 ta' Mejju 2013.

fetaħ l-attur li pprećedew din il-kawża. Għalkemm fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2024[20] l-attur provdu numra ċellulari tal-konvenuta u kif ukoll emejl address tagħha, il-Qorti ma għandiex informazzjoni jekk il-Kuraturi Deputati rnexxilhomx jagħmlu kuntatt mal-konvenuta. Fir-rapport li l-ħaddiema soċjali T N ħejjiet fl-ewwel medjazzjoni li fetaħ l-attur, Ms N tirrapporta illi bagħtet tliet (3) ittri reġistrati lill-konvenuta iżda din ma' għamlitx kuntatt magħha, filfatt, Ms N tirrapporta li minkejja li pruvat tagħmel kuntatt mal-konvenuta diversi drabi, ma rnexxilhiex.

Fil-fatt jirriżulta illi l-konvenuta dejjem fittxet illi tieħu l-liġi b'idejha f'dak li jirrigwarda lit-tifel u qatt ma ppartecipat fi proċeduri legali biex tiġġieled għall-kura u kustodja ta' binha. Minn dan filfatt wieħed jibda jiddubita jekk l-omm kellhiex fil-fatt l-aħjar interessi ta' binha bħala prijorità. Jekk verament emmnet li kellha tieħu l-kura u kustodja ta' binha kien messha rrikorriet għal triqat legali u mhux taħtaf lit-tifel minn mal-missier fejn ovvjament kull darba kkaġunatlu trawma u firditu, bl-aktar mod krudili u vjolenti, mill-persuna li t-tifel ċertament kellu relazzjoni magħha. Fil-fatt dan l-aġir tagħha jikkombaċi sew ma' dak li tirrapporta Ms N, li jixhed Oyan Okan, ħabib tal-konvenuta, li jgħid li l-konvenuta tgħix f'dinja immaġinarja, dinja fantastika u jgħid *"P Z constantly spoke about her being a Hungarian princess."* Fil-fatt il-mod kif l-attur jiddiskrievi li ġraw l-inċidenti tal-ħtif tat-tifel u l-attentat ħtif mingħand il-*partner* tiegħu f'Novembru 2014, huma kważi xenarji li wieħed jara biss f'xi film. Ġirien li raw dan l-inċident iseħħ proprju Noel Fenech, Vincenza Fenech, Andrew Fenech, Mario Dimech u Mary Dimech, kollha qablu fil-verżjoni li taw tal-inċident li kien jinkludi gun li jitfa x-xokkijiet li allegatament il-konvenuta użat waqt l-attakk. Il-konvenuta fid-dinja tagħha rraġunat li dan kien mod kif għandha tieħu lit-tifel mingħand il-missier.

[20] Fol. 85.

Ċertament li l-konvenuta ma għandiex l-aħjar interessi tat-tifel bħala prijorità.  Il-Qorti ma tistax tikkonkludi, bil-provi li għandha quddiema, jekk l-aġir tagħha hux ġej mill-fatt li għandha xi debilta mentali, kif fil-fatt jallega l-attur, u allura lanqas biss tinduna xi ħsara tkun qed tikkaġuna lit-tifel jew inkella hux ġej mill-fatt li hija ma tatix każ ta' dak li jiġri lill-ħaddiehor.  Jidher però illi l-konvenuta tiġi taqa u tqum altament mill-ħsara li tista' tikkaġuna lil ħaddiehor.  Fil-fatt kellha ordni ċara mill-pedjatra tat-tfal Prof. Simon Attard Montalto[21] "*It is important that he is not exposed to stressful situations that may upset and negatively effect his dietary intake"* (b'referenza għat-tifel) u dan fl-isfond tal-fatt illi t-tifel kien qed jiġi segwit l-isptar għall-"*developmental regression and poor weight gain".*  Madanakollu l-konvenuta injorat dan kollu, kif jingħad li kienet tinjora anke dak li kienu jgħidu t-tobba meta jippreskrivu mediċina għat-tifel, u komplet toħloq inċidenti surreali biex taħtaf lit-tifel magħha.  Tixhed fl-istess linja fil-fatt ħabiba tal-konvenuta li tgħid "*Birgit Eifler also stated that for years she watched P Z abuse and ill-treat people in cold blood and without ethics for her own purposes.  For example, if a person finds oneself in an emotional or financial relationship of dependancy with P Z, she will exploit this excessively for her own purposes.  <u>It is not the case that P Z will not know the other person's situation, but rather she would not take any notice of it</u>".*  Dan l-aġir, konfermat f'sitwazzjonijiet differenti, huwa aġir inkwetanti għall-aħħar dwar omm fil-konfront tar-relazzjoni li jista' jkollha ma' binha jekk dan ikun fil-kura tagħha.

Fil-fatt minn eżami tal-provi l-Qorti tinnota wkoll dak li semmiet l-istess Brigit Eifler, kif rappurtat fir-rapport tal-ħaddiema soċjali, fejn Eifler tgħid li "*P Z apparently also was involved in animal protection and rescued ill dogs from Thailand.  It seems that these dogs were flown to Germany from Thailand with money P Z did not have.  However, once these dogs were at P Z's house she no longer gave them*

[21] Fol. 189.

*attention."*[22] Fil-fatt dan kien qisu *pattern,* kif għamlet ukoll ma' binha, fejn għalkemm turi li tridu b'kull mod u ripetutament tipprova taħtfu, imbagħad fl-istess waqt turi negliġenza kbira fir-rigward tal-istess binha.

Dan il-fatt jirriżulta mix-xhieda tal-attur inniffsu fejn jilmenta illi l-konvenuta ma kinitx kapaċi tieħu ħsieb lit-tifel u żżommu f'ambjent iġeniku, ma titmawx, ma ttihx il-mediċini neċessarji *etc*. Fil-fatt jirriżulta mid-dokumenti preżentati li t-tifel kien *underweight* sew. Jixhdu wkoll dwar din in-negliġenza, żewġ persuni oħra li kienu jafu lill-konvenuta, proprju T N[23] u S Livori.[24] Dawn jiddeskrivu s-sitwazzjoni bħala waħda mwiegħra fejn "*She would go out with the baby for a whole day without food and drink for the baby. The baby was always crying and was always neglected. As the baby was growing, he did not have enough energy to stand up on his legs...*", "*I went in and I saw Ms Z sleeping on the bed and the baby was lying on the cold floor, sleeping. It looked like the baby was for a long time on the floor...went in the kitchen to find some food for the baby, but it was dirty, full of dirty dishes with mold and there were even bugs in the pots...", "P was not capable to keep the house in order, it always looked like a mess. If I would not go for a day, I found a disaster."*[25] Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Dirk Stiller irrapportata minn Ms T N illi d-dar kienet tkun dejjem maħmuġa u saħansitra anke kien hemm inċident fejn ħalliet demm ma' kullimkien u qalet li huwa tal-klieb u li jista' jibqa' hemm sakemm tmur il-*cleaner*.[26]

Jirriżulta wkoll mill-opinjoni maħruġa mill-*Family Diagnostic & Consultations Centre in Chelm*[27] illi "*From the information systematically conveyed to the Court by the Children's Home in Chelm and obtained from the pedagogue in an interview*

[22] Fol. 18.
[23] Affidavit a fol. 96.
[24] Affidavit a fol. 98.
[25] Fol. 99.
[26] Fol. 16.
[27] Kopja tar-rapport a fol 138.

*concerning juvenile X's stay with his mother in the facility it follows that the way Ms P Z took care of the child gave rise to many reservations. The remarks were mainly about hygienic neglect of the boy, her refusing to give him meals as periodically she only breast-fed him, giving him medicines prescribed by doctors. Moreover, even when the juvenile showed willingness to eat the meal provided by the employees of the facility, Ms Z showed her discontentment, and as a result the boy waited for her permission. She often gave back uneaten meals claiming that both she and her son were not hungry. She isolated the son from other children, she clutched him to her, not allowing him to have any independence and not letting anyone approach him. The participant did not tidy the room which was in a mess, despite being tidied each day by the employees of the facility. In the opinion of the employees of the facility the mother's conduct does not show that her son's health and safety are important to her, who at present is only a bargaining chip in the fight for custody of him."*[28]

Apparti mill-mod kif l-omm titratta lit-tifel, jirriżultaw ukoll *concerns* fl-istess rapport għan-nuqqas ta' stabbilità li toħloq l-omm f'ħajjet it-tifel, riżultat tal-fatt illi tmur minn post għall-ieħor, irrelevanti mill-aħjar interessi tat-tifel.

Barra minn hekk l-attur jagħmel allegazzjonijiet ta' investigazzjonijiet kriminali pendenti kontra l-omm. Jgħid fil-fatt il-ħabib tagħha stess Oyan Okan[29] illi hu u l-konvenuta ġew arrestati fit-Tajlandja fl-2007. Fir-rapport ta' Ms T N fil-fatt hija tgħid li l-missier jaf b'lista ta' investigazzjonijiet pendenti kontra l-konvenuta.

Il-konklużjonijiet tal-ħaddiema soċjali T N u l-konklużjonijiet tar-rapport Pollakk huma fuq l-istess linja u jaslu għall-istess

[28] Fol. 148.
[29] Fol. 20.

konklużjoni. Ms N tikkonkludi illi l-missier għandu jkollu l-kura u kustodja tat-tifel f'idejh u dan minħabba illi:[30]

*"D. Conclusions*

*The facts of the case show that:*

*a. P Z seems to live her life according to her own rules, and disregards other people's opinions;*
*b. P Z seems not to give value to a clean environment both for herself and for others;*
*c. P Z seems to be unable to engage in lasting relationships as her relationships seem to be based on what she can get from the realtionship;*
*d. A B is very concerned about his son living with P Z since she does not seem to be able to be responsible for herself, let alone a 2 year old child;*
*e. A B is concerned about where P Z is living with the child as he does not have any contact with her, and was not aware that P Z was taking the child out of Malta;*
*f. A B is also concerned about the lies P Z seems to be saying in order to get what she wants;*
*g. A B is concerned about the child's well-being both physically and psychologically if the child resides with P Z;*

*E. Recommendations*

*The following recommendations to this Honourable Court are:*

*1. The father A B is granted Care and Custody of his minor son X Y Z B."*

U r-rapport tal- *Family Diagnostic & Consultations Centre in Chelm* jgħid illi: "*Breaking contact of the father with the son disturbed the process of the development of emotional bonds*

[30] Fol. 21.

*between them. The situation which occurred during the ongoing court proceedings created conditions for renewing the petitioner's contacts with juvenile X and thus reconstructing the emotional bonds.*

*Although the exclusion of the mother from the care of the child by a court decision was without doubt traumatic for the juvenile in its effects, it enabled the father to start relations with the son, to take part in the care of the boy, to provide him with support in a situation objectively difficult to him. The boy experiencing the father's closeness starts to trust him and perceives him as a close person (which is facilitated by lack of language barrier), favoured over others, contact with whom eases the stress connected with parting with the mother and staying in strange, incomprehensible surroundings.*

*In the above situation the change of the leading guardian will put a great strain on the juvenile in his situation, the effects of which, due to his state of health, are difficult to foresee and may involve various spheres of the child's development and be of long- lasting nature. However, the father's commitment, adequate support from him and his openness to using institutional help make the situation of parting with the mother bearable for the juvenile.*

*Making the decision on the father's taking over the care of the son seems to be justified by the above-mentioned reservations about the care taken by the mother, nature of her functioning, possible personality disorders difficult to diagnose due to objective reasons during the examination."*

Il-Qorti tara li kull allegazzjoni li saret kontra l-omm, minbarra li ma hix kontradetta f'dawn il-proċeduri, hija kkoraborata minn evidenza kemm ta' professjonisti, kif ukoll ta' ħbieb tal-konvenuta stess u għalhekk il-Qorti ma għandiex dubju li dawn l-allegazzjonijiet huma veritjeri u dan għalkemm il-Qorti

ma għandiex il-verżjoni tal-omm, li rrifjutat li tipparteċipa f'kull proċedura legali dwar il-kura u kustodja tat-tifel.

Għalkemm il-Qorti ftit għandha evidenza tal-istat tat-tifel ma' missieru, jirriżulta mill-mod kif ġraw l-affarijiet illi l-missier għandu bħala prijorità l-aqwa interessi tat-tifel. Huwa għamel minn kollox biex b'viji legali jġib lura lill-minuri taħt il-kura tiegħu minkejja li ssogra anke s-sigurtà tiegħu u s-sigurtà ta' dawk qrib tiegħu. Barra minn hekk r-rapport tal-*Family Diagnostic & Consultations Centre in Chelm* juri li l-missier huwa dedikat għall-*wellbeing* tat-tifel. Ir-rapport jgħid illi: "*From the information given by the Children's Home it is known that the above decision was enforced and then the child's father got involved in the care of juvenile X. After separation from the mother the boy wept, but he calmed down in his father's arms. He played with the father, watched cartoons with other children. The father participated in the boy's inhalation, in the employees' opinion he behaved very tactfully and treated the child in calm way. At night the boy was sleeping restlessly and he started to weep when he heard his mother calling outside the window. After the intervention of the police the mother was led out of the premises of the facility and afterwards the boy fell asleep. In the morning due to his being hygienically neglected (his hair had not been washed since 18th Dec 2013) he was washed by a nurse and took medicines. The boy did not have attacks of dyspnoea and willingly started contacts with adults and children in the facility. In the next days the juvenile met his father and always reacted very positively to him. The father played with his son, they watched TV together, the father fed him and the boy slept in his arms. The father was interested in the son, asked how the night had gone, how the boy was, what medicines he took, he responded to his son's needs. When the petitioner informed him that he was his father, the juvenile took the news positively and started calling him "Dada". However, at night-time the boy was anxious and he*

*wept. Similarly, the boy responded with anxiety and weeping when he realised the father had left the facility.*

*After the juvenile met his mother on 21st Jan 2014 during examination at FD&CC, the boy showed greater longing for the mother in the facility. He demanded to spend time in the room in which he had spent the last days with the mother. He often weeps, which causes attacks of coughing and dyspnoea, requiring inhalations. The boy calms down a bit in the father's presence."*

Barra minn hekk fl-2015, wara li l-konvenuta sparixxiet darba għal dejjem u t-tifel baqa' fil-kura ta' missieru, jingħad mic-*Child Guidance Clinic* illi:[31] "*He has been brought consistently to the service by his father Niko, who acts in a caring and appropriate manner. Y is always well dressed and always comes in with a beverage. It is clear that his basic needs are being catered for and that he feels emotionally safe with his father as he approaches him and uses him as a secure base. There are many smiles and signs of affection exchanged.*

*Y presents with a number of difficulties including delayed speech, potential selective mutism and a number of difficulties that appear consistent with a history of abuse. He frightens easily and appears often hypervigilant. While he is recently entering the clinical room more readily he spent a large amount of months having difficulty greeting me and separating from his father. All these behaviours are correlated with a history of severe abuse and can be labelled as 'inhibited' within a psychiatric setting. They are generally seen as signs of trauma and toxic stress which have severe implications for the overall wellbeing of the child. Following having read the affidavits regarding the incident involving the stun gun in late 2014 and the general reports available, including the Polish report dated 03/02/2014, it appears that*

[31] Fol. 221.

*Y's mother may not have always considered Y's best interest and may have exposed him to a number of situations that impacted on his ability to function psychosocially.*

*I will be offering him ongoing therapy in order to assist him in further resolving these difficulties."*

Għalhekk il-Qorti hija konvinta li l-missier attur għandu jingħata esklussivament il-kura u kustodja tal-minuri X Y wara anke li jidher illi l-omm ilha mill-2014 ma tagħmel xi tip ta' kuntatt mal-missier. Filwaqt li l-Qorti tiddeplora bil-qawwa dan l-aġir irresponsabbli fil-konfront tal-minuri li safa mhux biss maltrattat iżda mbagħad ukoll abbandunat minn ommu, madanakollu ma tistax f'dan il-każ ma tqisx illi huwa fl-aħjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tiegħu tkun fdata f'idejn il-missier kif fil-fatt *de facto* qed tiġi eżerċitata fil-preżent. Din il-Qorti tagħmel referenza għall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo** fejn irriteniet li: *"In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...]"*

Appena deċiż illi l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun esklussivament f'idejn l-attur, il-Qorti tħoss li għandha wkoll tiddeċiedi dwar is-setgħa tal-ġenitur li tmur lil hinn mill-kura u kustodja kif spjegat hawn fuq. Għalkemm ma kienx hemm talbiet dwar dan, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Cedric Caruana vs Alette Mifsud**[32] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidħlu l-minuri "*huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti*

[32] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4 ta' Marzu 2014.

*ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri."*

Kif spjegat il-Qorti fil-każ **SJ vs Dr Brandon Muscat *et noe***[33] *"She has single handedly brought up the children, with little or no help at all from Defendant during these last seven or eight years. She is rightly requesting the Court to have Defendant divested of parental authority over the children and be placed in a position to apply on her own for all the children's needs, both educational and anything related to their health and medical requirements, without the written consent of their biological father. The Court sees no reason at law to withhold these requests. It is in the children's best interests that their mother may apply on their behalf without requiring prior written consent from Defendant. The Court is of the opinion that Plaintiff has already been carrying the burden of raising two children on her own for almost eight years. Upholding her requests will at least make that burden a little lighter and less bureaucratic. The Court sincerely hopes that this judgment will help make her life and that of the children somewhat easier, in the absence of the Defendant being present in their lives."*

L-istess fil-każ odjern u ġialadarba rriżulta aġir irresponsabbli tal-konvenuta versu binha li huwa ampjament ċar u pruvat, il-Qorti tqis li ma jkunx fl-aħjar interess tal-minuri, li missieru jkollu jirrikorri għall-proċeduri ġudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm bżonn il-firma tal-konvenuta ommu, bħal per eżempju f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni u saħħa tat-tifel. B'hekk il-Qorti ser tordna li l-konvenuta tiġi żvestita mis-setgħat kollha tagħha ta' ġenitur u dan *ai termini* tal-artikolu 154 (1) (b) u (e) tal- Kap 16, b'dana li l-attur ikollu s-setgħa ta' ġenitur waħdu fuq il-minuri bil-fakolta` li jieħu

[33] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar is-16 ta' Novembru 2023 (Rik. Ġur. Nru. 36/2023 AGV).

esklussivament waħdu fir-rigward tal-minuri, kull deċiżjoni kemm ordinarja kif ukoll straordinarja.

**DEĊIDE**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li l-post ta' residenza tal-minuri huwa hawn Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba li tordna illi l-attur ikun vestit bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri X Y Z B;

3. Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza lill-attur jieħu kull deċiżjoni fir-rigward tat-tifel inkluż deċiżjonijiet dwar saħħa, edukazzjoni, vjaġġar, u ħruġ ta' passaporti mingħajr il-kunsens tal-konvenuta;

4. Tordna illi l-minuri jibqa' jirrisjedi ġewwa Malta flimkien mal-attur, f'dik ir-residenza li l-attur jistabilixxi għalih;

5. Tilqa' l-ħames talba;

6. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kap 16, tordna li l-konvenuta tiġi żvestita mis-setgħat kollha tagħha ta' ġenitur *ai termini* tal-Artikolu 154 tal-Kap 16, b'dana illi l-attur ikollu s-setgħa ta' ġenitur waħdu fuq il-minuri bil-fakoltà li jieħu esklussivament waħdu kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm deċiżjonijiet ordinarji kif ukoll straordinarji.

Bl-Ispejjeż kollha kontra l-konvenuta, b'dan li l-attur għandu provviżorjament iħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.